

Ninsabu f'Ġunju 2017 u r-Repubblika Portugiża għadha ma wettqitx l-obbligi tagħha taħt l-imsemmi artikolu.

Billi qed taġixxi b'dan il-mod, l-amministrazzjoni Portugiża qiegħda tikkomprometti l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-Direttiva fejn b'hekk jitqiegħdu friskju s-sigurtà marittima u l-protezzjoni tal-ambjent. Minbarra dan, l-aġir tal-amministrazzjoni Portugiża jikkägħu r-riskju li jinħoloq vantaggħ kompetitiv żleali tal-flotta Portugiża meta mqabbel mal-flotot ta' Stati Membri oħra.

(¹) ĠU 2009, L 131, p. 132.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-383/17)

(2017/C 277/41)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u L. Nicolae, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża

Talbiet

- tiddikjara li, billi ma pprovdiex lill-Kummissjoni rapport dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ lill-organizzazzjonijiet kollha rikonoxxuti li jaġixxu f'isimha, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2009/15/KE (¹) tal-Parlament u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar ir-regoli u l-istandardi komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi.
- tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

L-Artikolu 9(2) tad-Direttiva jistabbilixxi, b'mod ċar, li kull Stat Membru għandu jwettaq, mill-inqas kull sentejn, monitoraġġ ta' kull organizzazzjoni rikonoxxuta li jaġixxu f'isimu u għandu jiprovd lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra rapport dwar ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ sal-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti għal dik li fiha jkun twettaq il-monitoraġġ.

Ladarba t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva fid-dritt nazzjonali skada fis-17 ta' Ġunju 2011, konformément mal-Artikolu 13(1), ir-Repubblika Portugiża kellha tipprovd l-ewwel rapport sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2013 inkwantu setgħet għażżejt li twettaq l-ewwel monitoraġġ matul is-sena 2011 jew is-sena 2012.

Issa, ninsabu f'Ġunju 2017 u r-Repubblika Portugiża għadha ma ppreżentat ebda rapport.

(¹) ĠU 2009, L 131, p. 47.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Kroazja

(Kawża C-415/17)

(2017/C 277/42)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Støvlbæk, M. Mataija u G. von Rintelen, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Kroazja

Talbiet

- tikkonstata li, billi ma adottatx, fis-17 ta' Ġunju 2016, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' April 2014, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifikasi statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati (ĠU 2014, L 158, p. 196), jew fi kwalunkwe każ, billi ma nnotifikatx dawn id-dispożizzjoni lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Kroazja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Kroazja, abbażi tal-Artikolu 260(3) TFUE, tħallas multa tal-ammont ta' EUR 9 275,20 għal kull jum mid-data tal-ghotxi tas-sentenza li tikkonstata l-ksur għall-obbligu li jiġu kkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-direttiva msemmija iktar 'il fuq;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Kroazja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-Repubblika tal-Kroazja ma ssoddisfatx l-obbligu tagħha li tikkon unika l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/56/UE fit-terminu previst fl-Artikolu 2 ta' din.